# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## Decizjoni Preliminari Numru 2710

**Kaz Numru 3806/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Norman Ellul**

**u**

**Actavis Limited (C2867)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 17 ta' Frar, 2021**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Norman Ellul fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar il-15 ta' Novembru 2019 fejn sostna li l-impjieg tieghu gie terminat b'mod ingust ai termini tal-Art 75 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellant kienet rizenja.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal ntalab mis-Socjeta' ntimata sabiex preliminarjament tkun ittrattata l-kompetenza tat-Tribunal li jisma' dan il-kaz. Dan fid-dwal li fir-rikors taghha s-Socjeta' ntimata kkontendiet li t-Tribunal m'ghandux kompetenza biex jisma' l-kaz ghaliex l-Appellant kien irrizenja volontarjament mill-impjieg tieghu.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm erba' (4) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjonijiet tal-avukati difensuri.

- **Rapprezentanza**

Norman Ellul li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant fil-bidu kellu l-assitenza ta' l-Avv. Anthea Witney Turner u aktar tard ta' l-Avv. Abigail Critien.

Actavis Ltd., li minn issa l-quddiem ser tiissejjah s-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata mis-Sur Joseph Camilleri assistit mill-Avv. Matthew Brincat u l-Avv. Lara Pace.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien impjegat mas-Socjeta' ntimata ghal madawar 12 il-sena u dan fil-grad ta' *Granulator (Tableting).*

Wara li kien gie mghoddi proceduri ta' dixxiplina, l-Appellant kien instab hati bil-penali tkun terminazzjoni tal-impjieg.

In seguito ta' din id-decizjoni, l-GWU bhala rapprezentanta tal-Appellant dahlet f'diskussjoni mall-*Management* fejn sabiex it-temm tal-impjieg tal-Appellant jkun meqjus bhala 'rizenja' minflok 'terminazzjoni b'dixxiplina'. Tant li t-terminazzjoni tal-impjieg mall-Jobsplus giet registrata bhala 'rizenja formali'.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Joseph Camilleri** beda x-xhieda tieghu billi qal li wara li l-Appellant kien mghoddi process ta' dixxiplina kienet inharget decizjoni ta' tkeccija kontrih. Huwa qal li f'kuntatt ma' Rita Dimech, Ufficcjal tal-GWU giet offruta *option* lill-Appellant sabiex jekk huwa jixtieq ir-raguni tat-tmiem tal-impjieg tieghu minflok 'tkeccija' tkun indikata bhala 'rizenja'. Huwa qal li kien ircieva *Email* minghand Dimech li kienet qieghda tghid li l-Appellant kien qieghed jirrizenja mill-impjieg b'effett immedjat. Ix-xhud kompla li huwa rrisponda tali korrispondenza fejn kien gharraf li kien ser jirregistra t-temm tal-impjieg tal-Appellant bhala rizenja. Huwa tenna li fl-ebda mument ma kien hemm xi kuntatt iehor dwar din ir-rizenja.
Ix-xhud qal li xi mumenti wara, l-Appellant kien gie fuq il-post tax-xoghol fejn talab kopja tad-dokument relatat mar-rizenja, pero' nfurmah li tali dokument kien intbaghat lill-Jobsplus b'mod elettroniku '*online*'.

**Rita Dimech** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet illi hija kienet tkellmet mall-Appellant fis-sens li t-temm tal-impjieg tieghu minflok 'tkeccija' jigi jidher li huwa kien irrizenja. Hija spjegat li dan kien sar sabiex fir-*records* tal-Jobsplus u fl-*Employment History* tieghu ma jkunx jidher li huwa tkecca. Hija qalet dan filwaqt li tenniet li xorta wahda kienet thoss li t-tkeccija tieghu kienet wahda ngusta. Hija tenniet li fir-rigward ta' din it-tkeccija kien hemm tlett *warnings*.

**Norman Ellul** beda billi rrakkonta episodju konness ma' xi tehid tas-*sick leave* u li kagun tieghu kien safa sospiz mix-xoghol. Huwa qal li dwar dan il-kaz li kien sehh qabel l-avvenimenti li graw li wasslu ghat-tmiem tal-impjieg tieghu, nfethu proceduri mad-*DIER*.
Dwar il-kaz li wassal ghat-temm tal-impjieg tieghu, x-xhud irrakkonta li lejn Gunju 2019, waqt li kien xoghol kien staqsa lir-*reception* dwar xi procedura jrid jaghmel sabiex johrog *sick* waqt li qieghed xoghol.
Huwa spjega li kien gie dirett sabiex imur ghand it-tabib u hekk ghamel fejn inghata xi medikatura. Huwa qal li l-ghada filghodu meta hareg sabiex jarmi l-*garbage-bag* sab karta hdejn il-bieb ta' barra u li permezz taghha ttenda li fil-jum ta' qabel ghall-habta tat-20.15 kien mar izuru t-tabib tal-kumpanija.
Ellul kompla li l-ghada dahal ghax-xoghol normali, fejn kien ghadda certifikat mahrug mit-tabib tieghu li kien jindika li kien iccertifikah tlett ijiem *sick leave*. Ix-xhud tenna li hadd ma kellmu dwar dan sakemm xi sebat'ijiem wara rcieva karta datata 19 ta' Gunju 2019, fejn gharrfuh li kienu ser jiehdu *action* fil-konfront tieghu. Huwa kompla li wara din l-ittra baqa' jidhol xoghol normali, izda f'Awwissu waqt li dahal xoghol fis-14.00, u f'xi 15.00 kellmuh tal-*HR* fejn tawh ittra u qalulu li kien gie *dismissed*.
Ellul qal li huwa kien mar ghand tal-*Union* fejn qalilhom biex jifthu kaz bit-Tribunal. Huwa qal li tal-Union kienu fethu negozjati mall-*Management* sabiex jiehu xi hlasijiet li kien ghad kellu jiehu relatati mas-*sick leave* li kien ha u cjoe' jumejn f'Marzu u tlett ijiem f'Gunju, dan flimkien mall-passi li kienu ser jiehdu ghaliex skond hu kien imkecci ngustament.
Ix-xhud stqarr li parti min-negozjati kienu biex ma jiccappaslux il-ktieb tax-xoghol u tkeccija tinqaleb ghal rizenja. Huwa tenna li dwar dan kien tkellem mall-avukatessa tal-Union fejn kien qalilha li hu ma kienx se jaccetta rizenja ghaliex b'hekk ma kienx jiehu xejn tar-*relief*.
Ix-xhud qal li tal-Union kienu kellmuh wara li kienu offrew ir-rizenja f'ismu u li kienu offrew ir-rizenja tieghu minghajr ma kien jaf.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet**

**L -Avv. Lara Pace** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata bdiet billi qalet li minkejja li l-kawza kienet giet intavolata mill-Appellant dwar '*unfair dismissal*', fil-verita' fir-rigward tat-tmiem tal-impjieg kien hemm rizenja. Hija tenniet li vera li kien hemm ragunijiet dixxiplinarji li l-impjieg tal-Appellant ikun mitmum b'dixxiplina izda wara kien hemm ftehim bejn il-kumpanija u l-Union li minhabba ragunijiet varji t-tmiem tal-impjieg effettivament ikun '*resignation*'.
L-Avv. Pace sahqet li l-Appellant kien dejjem 'in copy' fil-korrispondenza skambjata bejn il-kumpanija u l-Union dwar il-mod kif kellu jigi fi tmiemu l-impjieg tieghu u fl-ebda mument ma kkorega lill-Union jew ikkomunika mall-*Management* 'li dan mhux minnu'. F'dan ir-rigward hija tenniet li kif xehed l-HR

tal-kumpanija, l-Appellant wara kien mar fuq il-premises fejn talab d-dokumenti relatati mar-*resignation* u f'dak il-punt ghal darb'ohra qatt ma qal lill-kumpanija li t-terminazzjoni tieghu mhijiex wahda ta' rizenja imma hi wahda ta' dixxiplina.
L-Avv. Pace sostniet li mhuwiex accettabbli li ghal finijiet ta' Jobsplus ghax hekk kien komdu ghall-Appellant biex ikollu '*clean history'* it-terminazzjoni tkun rizenja, mbaghad jigi quddiem it-Tribunal Industjali u jikklejmja kumpens ta' *unfair dismissal*.
Hija ghalqet billi qalet ill mill-atti ma tressqux xi provi li turi li kienu saru xi procedimenti min-naha tal-Appellant quddiem l-Awtorita' kompetenti biex tigi attakkata r-raguni tat-terminazzjoni r-raguni ta' rizenja li kienet tidher fuq l-*employment history* tal-Jobsplus.

**L-Avv. Abigail Critien** ghan-nom tal-Appellant bdiet billi qalet li mkien ma kien hemm xi ndikazzjoni fil-korrispondenza bejn il-*Management* u l-*Union* fejn kien hemm qbil li 'ejja nbiddlu n-nomenklatura mall-Jobsplus u nirrinunzja mid-drittijiet tieghi illi b'xi mod nersaq lejn dan it-Tribunal'. Hija tenniet li kieku kien sar tali ftehim kien isir '*out of court settlement'*.
L-Avv. Critien insistiet li r-raguni tat-terminazzjoni kient wahda ta' dixxiplina u hija rreferiet ghall-korrispondenza li s-Socjeta' tat lill-Appellant nhar is-26 t'Awwissu 2019 fejn infurmatu li '*on the basis of previous notification through this letter you are informed that you are being dismissed from your employment with the company'*.
L-Avv. Critien sahqet li l-kumpanija qed tipprova twaqqaf dawn il-proceduri jieqfu b'mod sommarju u l-Appellant ikun imcahhad mid-dritt li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu b'dixxiplina jigi ttrattat fuq il-mertu.

- **Decizjoni**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal f'dan l-istadju kien li jiddeciedi jekk dak li sehh u li wassal ghat-tmiem effettiv tal-impjieg tal-Appellant kienx rizenja volontarja.

It-Tribunal sabiex jasal ghad-decizjoni tieghu xtarr bir-reqqa dovuta dak kollu li ntqal quddiemu u anke tad-dokumenti provduti, u dan b'mod partikolari ta' *Emails* skambjati bejn Rita Dimech Segretarja tat-Taqsima Kimika u Energija tal-GWU u Joseph Camilleri *HR Director* tas-Socjeta' ntimata datati 5 ta' Settembru 2019. F'dawn il-korrispondenzi Rita Dimech tirreferi ghal-laqgha li hija kellha mall-Appellant dakinhar stess u nfurmat lil Joseph Camilleri li l-Appellant kien qieghed jirrizenja mill-impjieg b'mod immedjat. Min-naha l-ohra Joseph Camilleri rrisponda li d-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant kienet qed tkun registrata b'sehh mis-26 t'Awwissu u dan bhala 'Rizenja' u li l-Kumpanija ma kienetx ser titlob lill-Appellant jirrifondi hlasijiet tan-'*notice period*'. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li l-Appellant kien dejjem ikkupjat f'dawn l-*Emails.*

Dan it-Tribunal ha konjizzjoni wkoll ta' l-*Email* mibghuta mill-HRIU tal-Jobsplus lil Mandy Borg ufficcjal tas-Socjeta' ntimata fejn huwa ndikat li t-temm tal-impjieg tal-Appellant kien registrat ma' l-istess Jobsplus bhala 'Rizenja Formali'.

Dan it-Tribunal huwa konxju tal-procedura stabbilita fejn appena Jobsplus jircievu sija *Engagement Form* u jew *Termination Form,* kemm l-*Employer* u anke l-*Employee* jircievu *acknlowledgement* u fejn anke jkunu nfurmati li jekk m'humiex jaqblu ma' xi dettall li jkun tnizzel fil-formola mibghuta ghandhom zmien ghaxar (10) granet sabiex jinfurmaw lill-istess Jobsplus bid-dettall li ma jkunux qed jaqblu mieghu.

Fix-xhieda tieghu quddiem dan it-Tribunal, l-Appellant stqarr li huwa kien gie konxju dwar li r-raguni tat-tmiem tal-impjieg tieghu kienet ser tkun rizenja wara li l-Union kienu diga' tkellmu mall-*Management*. Fid-dawl ta' din l-istqarrija dan it-Tribunal jinnota li fl-*Emails* skambjati bejn il-GWU u s-Socjeta' ntimata l-Appellant kien konxju ta' x'kien ghaddejj bejn il-Union u l-Management dwar il-posizzjoni tieghu u dan ghaliex kien qed ikun ikkupjat f'din il-korrispondenza. It-Tribunal huwa moralment konvint li Rita Dimech bhala Ufficcjal tal-GWU ma agixxietx minn rajha u minn wara dar l-Appellant meta kitbet lil Joseph Spiteri *Dir.HR* fejn gharrfitu li kienet iltaqghet mall-Appellant u nfurmatu bir-rizenja mmedjata tieghu (tal-Appellant).

X'zamm lill-Appellant li b'mod pront jinforma kemm lill-Union u lill-*Management* li huwa ma kienx qed jaqbel ma' dak li kien qed jinkiteb, jistqasi t-Tribunal?

L-istess mistoqsija t-Tribunal jaghmilha dwar x'zamm lill-Appellant milli jinforma lill-Jobsplus li huwa ma kienx qed jaqbel mar-raguni tat-tmiem tal-impjieg tieghu u li kienet giet registrata ma' l-istess Jobsplus?

Quddiem dan it-Tribunal, l-Appellant lanqas ma ta xi hjiel jekk huwa kienx intavola appell quddiem l-Awtorita' tax-Xoghol ghaliex ma kienx qed jaqbel mall-Josplus li t-tmiem tax-xoghol tieghu mas-Socjeta' ntimata kien jidher registrat bhala rizenja, kif kellu dmir u dritt jaghmel jekk ma kienx qed jaqbel mar-raguni tat-tmiem ta' dan tal-impjieg tieghu.

Dan it-Tribunal filwaqt li jaghraf li wara l-proceduri ta' dixxiplina l-*Management* kien intenzjonat illi jkecci lill-Appellant, pero' tali ntenzjoni qatt ma mmaterjalizzat, u dan ghaliex kien hemm diskussjoni bejn il-*Management* u l-*Union* f'isem l-Appellant. Jaghraf ukoll li wara tali diskussjoni bi qbil bejn il-partijiet gie determinat li t-terminazzjoni mill-impjieg tkun 'rizenja'.

Mill-analizi ta' dan kollu, dan it-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellant minn mas-Socjeta' ntimata kienet rizenja u ghalhekk ma jkompliex jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**